MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 752/2005

**MALTACOM p.l.c**

vs

**Sharon BOUGHRARA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 t'Awissu, 2005, li bih, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li terġa tirrendi eżegwibbli s-sentenza mogħtija kontra l-intimata fit-22 ta' Mejju, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit.Nru. 41/96AM) u dan billi għaddew iżjed minn ħames snin;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------